

Brussell, 11 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12229/23

CDR 122

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tas-26 ta' Mejju 2023¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat li abbażi tiegħu s-Sur Gerry WOOP, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 10079/23.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Gerry WOOP, il-Gvern Ġermaniż ippropona² lis-Sur Florian HAUER, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Staatssekretär für Bundes- und Europaangelegenheiten und Internationales Bevollmächtiger des Landes Berlin beim Bund* (Segretarju Permanenti għall-Affarijiet Federali u Ewropej u r-Relazzjonijiet Internazzjonali, Delegat tal-Istat ta' Berlin għall-Federazzjoni), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 12228/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.

² 12216/23.